# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**Tlieta u għoxrin (23) ta’ Mejju 2024**

**Rikors Numru 402/2021 FDP**

Fl-atti tal-att ġudizzjarju numru **1290/2021** imressaq ai termini tal-artikolu 100(5) u (6) tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta’ Malta:-

**Awtorità tal-Ippjanar**

**vs.**

**Mark Gaffarena (K.I. nru. 447176(M)) u**

**Antoine Azzopardi (K.I. nru. 530074(M))**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 28 ta’ April 2021 li permezz tiegħu r-rikorrenti Mark Gaffarena u Antoine Azzopardi talbu s-segwenti:

    1. *Il-multi li dwarhom huwa dan l-att ġudizzjarju huma imwielda mill-ECF407/2012.*

    2. *Il-pretensjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar (‘l-Awtorita’), fir-rigward tal-multi maħruġa skont l-invoices numru 9287, 9466 u 10114, kif kontenuti fl-att ġudizzjarju 1290/2021 fl-ismijiet premessi huma infondati għar-raġuni prinċipali li l-iżvilupp de quo qatt ma jista’ jiġi – jew seta’ jiġi - soġġett għall-multi kif imposti mill-Avviż Legali 276 tal-2012 (‘l-Avviż’).*

    3. *Il-multi, surriferiti, kif maħruġa mill-Awtorità huma mingħajr bażi fil-liġi.*

4. *Dawn il-multi inħarġu in konnessjoni mas-sit fil-limiti ta' Prof. Carmelo Coleiro Street, Ħal-Qormi.*

5. *Skont l-Awtorità dawn il-multi huma ibbażati fuq l-Avviż, liema avviż jistipula l-ħruġ ta' multi fuq żvilupp illegali li sar wara l-ħruġ tal-istess Avviż. Fil-fatt dan l-Avviż jgħid li "dawn ir-regolamenti (dwar il-multi f'każijiet ta' żviluppi illegali) għandhom jidħlu fis-seħħ fl-24 ta' Novembru, 2012."*

6. *Il-bini illegali li fuqu l-Awtorità qiegħda timponi dawn il-multi sar qabel l-24 ta' Novembru 2012. Di fatti l-Avviż skont l-artikolu 84 u 86 tal-Att X tal-2010 (ECF407/2012) ġie maħruġ lill-esponenti fit-23 ta' Ottubru 2012 (**Dok. 'A'**).*

7. *Mingħajr preġudizzju, l-esponenti mhux jikkontesta l-fatt li hemm żvilupp legali. L-esponenti qiegħed jgħid li dawn il-multi qatt ma setgħu inħarġu fuq bini illegali li ġie żviluppat qabel id-dħul fis-seħħ tal-Avviż; hekk kif sejjer jiġi ppruvat tul l-andament ta' dawn il-proċeduri.*

8. *Illi għalhekk dawn il-multi huma maħruġa arbitrarjament mingħajr ebda bażi fil-Liġi – ergo dawn il-multi huma nulli. Il-prinċipju antik li ma jistax ikun hemm multi mingħajr liġi, u lanqas tista' liġi tiġi applikata b'mod retrospettiv, għandhom japplikaw f'dan il-kuntest ukoll. L-Awtorità tgħid li dawn il-multi inħarġu skont Kategorija C tal-Avviż Legali 276 tal-2012. L-Awtorità qatt ma setgħet ħarġet dawn il-multi skont Kategorija C meta Kategorija Ċ tiddependi fuq l-eżistenza tal-Avviż li daħal fis-seħħ fl-24 ta' Novembru 2012.*

***Għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti hija mitluba sabiex tiddikjara il-pretensjoni miġjuba fl-att ġudizzjarju surriferit bħala waħda infondata.***

2. Rat id-dokumentazzjoni eżebita, ossija Avviz Nru ECF 00407/12 datat 23 ta' Ottubru 2012 flimkien ma' pjanti annessi. (fol 3)

3. Rat illi fit-8 ta' Ġunju 221, l-Awtorita' intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

1. *L-oġġezzjonijiet u l-kontestazzjonijiet tar-rikorrenti rigwardanti l-ħlas mitlub mill-Awtorita' permezz tal-Ittra Uffiċjali Numru 1290/2021 ma fihom l-ebda siwi la fattwali u lanqas legali. Kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ ta' din il-kawża, ir-rikorrenti huwa debitur tal-Awtorita' fl-ammont indikat fl-istess ittra uffiċjali u l-istess talba għall-ħlas hi ġusta u mistħoqqa fil-liġi;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti ma għandux jinqeda b'dan ir-rikors u b'dawn il-proċeduri sabiex jikkontesta l-mertu per se tal-avviż biex tieqaf u ta' twettiq jew ksur tal-avviż biex tieqaf u ta' twettiq;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ma huwiex minnu li l-multi maħruġa mill-Awtorita' huma mingħajr bażi fil-liġi u dana peress skont l-*

*iskeda ta' multi għal kull ġurnata taħt liġi sussidjarja 552.24, illegalitajiet bi ksur ta' avviżi biex tieqaf u ta' twettieq, għandhom jitqiesu b'mod addizzjonali u individwalment;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita' kienet korretta meta mal-ħruġ tal-ksur ta' avviż biex tieqaf u ta' twettieq imponiet multa li taqa' fil-Kategorija C tal-Liġi Sussidjarja 552.24;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-iżvilupp illegali soġġett għall-multa kwotidjana sar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolamenti tal-Liġi Sussidarjarja 552.24 u dan kif ser jiġi ppruvat matul il-proċeduri ta' dan ir-rikors;*

   *Illi għar-raġunijiet premessi, it-talbiet tar-rikorrenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

4. Rat l-Ittra Uffiċjali 1290/21 datata 30 ta' Marzu 2021, li fl-atti tagħha sar ir-rikors odjern iżda li kopja tagħha ma ġietx inserita, liema att ġie inserit fil-proċess fuq ordni tal-Qorti fil-11 ta' Novembru 2021. (fol 20)

5. Semgħet ix-xhieda ta' **Omar Farrugia**, Assistent Director fid-Dipartiment tal-Enforcement tal-Awtorita' tal-Ippjanar, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fil-11 ta' Novembru 2011 kif ukoll rat dokumentazzjoni eżebita mill-istess xhud formanti parti mill-inkartament tal-ECF 407/2012. (fol 32 a 72)

6. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Mark Gaffarena**, (fol 76) ippreżentat fil-5 ta' April 2022 flimkien ma' kopja tal-Avviż ECF 407/2012 ġia ppreżentat mar-rikors promotur u l-Ittra Uffiċjali ġia annessa fuq ordni tal-Qorti.

7. Rat illi fil-21 ta' Ġunju 2022 ir-rikorrenti ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Ian Galea**, rappreżentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar, mogħtija fit-3 ta' Novembru 2022 (fol 81) u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata in konnessjoni tal-ECF 407/2012. (fol 88 sa 204)

9. Semgħet ix-xhieda in eżami ulterjuri ta' Ian Galea mogħtija fis-16 ta' Frar 2023. (fol 206)

10. Rat illi fil-11 ta' Mejju 2023 l-Awtorita' ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

11. Rat illi fil-11 ta' Mejju 2023 il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali rikorrenti.

12. Rat illi fil-11 ta' Lulju 2023 ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub.

13. Rat illi fis-16 ta' Novembru 2023, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet intimati bil-miktub.

14. Rat illi fis-16 ta' Novembru 2023 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Fatti

15. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti Marco Gaffarena huwa sid ta’ medda ta’ art agrikola, ossija sit ġewwa Triq Prof Carmelo Grech, Qormi, liema sit kien taħt il-kontroll tar-rikorrenti Antoine Azzopardi, li għamel varji żviluppi ġewwa l-istess għalqa.

16. Jirriżulta, di fatti, illi r-rikorrent bena serje ta’ strutturi ossija kmamar tal-ġebel f’tali għalqa kif ukoll għamel pavimentar u bena pool f’tali għalqa filwaqt illi uża tali struttura sabiex inbdiet attivita’ kummerċjali ġewwa dal-post ossija restaurant miftuħ għall-pubbliku.

17. Jirriżulta illi fit-23 ta’ Ottubru 2012, ir-rikorrent ġie notifikat ‘B’Avviż biex Tieqaf u ta’ Twettieq’ fejn ġie mgħarraf illi kellu jirripristina l-fond fl-istat illi kien qabel.

18. Jirriżulta illi fl-1 ta’ Novembru 2012, ir-rikorrenti ġew mgħarrfa li, b’effett mill-24 ta’ Novembru 2012, skond l-Avviż Legali 276 tal-2012, huma kienu ser jibdew jinkorru penalitajiet. (fol 45)

19. Jirriżulta illi fil-5 ta’ Awissu 2014, ir-rikorrenti reġgħu ġew mgħarrfa illi waqt spezzjoni li sar fil-21 ta’ Lulju 2014, ġie stabbilit illi l-istrutturi kollha li kienu saru illegalment kienu għadhom hemm u ġew msebbħa aktar. (fol 61)

20. Jirriżulta illi fid-19 ta’ Ottubru 2016, ir-rikorrenti ġie notifikat b’Invoice Nru 9287 datata 30 ta’ Settembru 2016 b’penali ta’ €25,990 għall-perjodu 22 ta’ Novembru 2014 sa 30 ta’ Settembru 2016. (fol 172)

21. Jirriżulta illi fid-9 ta’ Marzu 2017, ir-rikorrenti ġie notifikat b’Invoice Nru 9466 datata 3 ta’ Marzu 2017 b’penali ta’ €7,600 għall-perjodu 1 ta’ Ottubru 2016 sal-1 ta’ Marzu 2017. (fol 175)

22. Jirriżulta illi fit-12 ta’ Ġunju 2017, ir-rikorrenti ġew notifikati b’Ittra Legali mibgħuta mill-Awtorita' stess, fejn ġew mgħarrfa illi kien hemm multi b’total ta’ €33,590 li kellhom jitħallsu sa 14-il ġurnata minn dakinhar. (fol 178)

23. Jirriżulta illi fil-21 ta’ Ġunju 2017, ir-rikorrenti kiteb lill-Awtorita' sabiex tirrikunsidra l-multi fuqu imposti stante illi qalu li: (fol 70)

> *“1. The former infringement, consisting of a lightweight shed roofed with corrugated metal sheeting, was dismantled several months ago.*
> *2. The activities formerly organised at the site were halted several months ago.”*

24. Jirriżulta illi tali talba ġiet miċħuda mill-Awtorita' fil-25 ta’ Settembru 2017 stante illi ġie stabbilit illi l-ħamrija ma ġietx mqiegħda mill-ġdid fil-post tagħha. (fol 71)

25. Jirriżulta illi fl-20 ta’ Diċembru 2017, ir-rikorrenti ġew notifikati b’Invoice Nru 9798 datata 16 ta’ Novembru 2017, fejn ġew mgħarrfa illi kien hemm penali ta’ €12,650 għall-perjodu 2 ta’ Marzu 2017 sad 9 ta’ Novembru 2017. (fol 199)

26. Jirriżulta illi fit-30 ta’ Awwissu 2018 ir-rikorrenti ġew notifikati b’Invoice Nru 10114 datat 2 ta’ April 2018, fejn ġew mgħarrfa illi kien hemm penali ta’ €3,760 għall-perjodu 10 ta’ Novembru 2017 sa 2 ta’ April 2018. (fol 186)

27. Jirriżulta illi permezz ta’ Petizzjoni Nru 3/19 magħmula quddiem it-Tribunal ta’ Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, ir-rikorrenti talbu li tali multi jiġu maħfura. (fol 202)

28. Jirriżulta illi, fi kliem it-Tribunal, peress illi r-rikorrenti lanqas kienu kapaċi jeżebixxu kopja tal-petizzjoni tagħhom stess,

> *Il-petizzjonant iddikjara illi fil-perjodu in mertu il-fond kien okkupat minn terz ossia Antoine Azzopardi. Il-multa imposta hija immeritata u hemm lok illi tintlaqa’ billi jeżistu raġunijiet forzanti li jippermettu dan u / jew raġunijiet umanitarji li jattenwaw iċ-ċirkostanzi relatati mal-għemil tar-reat skedat, u/jew stante li l-avviż huwa manifestament inġust u jew oppressiv u jew manifestament sproporzjonat meta jiqiesu n-natura u l-fatti tal-każ.*
>
> *Ix-xogħolijiet u tibdiliet saru minn dan it-terz u 1-petizzjonant ma kellux kontroll u ma setgħax ikun jaf x’kien qed jagħmel ħaddieħor. Il-petizzjonant huwa għalhekk vittma tal-aġir ta’ ħaddieħor. Din toħloq sitwazzjoni inġusta fil-konfront tal-petizzjonant u huwa manifestament sproporzjonat oltre dan l-Awtorita’ għandha kull dritt li taġixxi fil-konfront ta’ din it-terza persuna.*

29. Jirriżulta, dejjem fi kliem it-Tribunal stess, illi l-Awtorita' laqgħet għal tali karba billi qalet is-segwenti:

> *L-ECF in mertu qatt ma ġie kkontestat u infatti kien inħareġ anki fuq 1-imsemmi Antoine Azzopardi. Illi kienet saret applikazzjoni TRK 150080 iżda din ġiet irtirata.*

30. Jirriżulta illi t-Tribunal, wara illi ħa konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrent Mark Gaffarena irremedja għas-sitwazzjoni billi qal is-segwenti:

> *It-talba odjerna hija fir-rigward ta’ multa. Multa li l-petizzjonant huwa soġġett li jħallas minħabba terz. It-Tribunal, biex juża kliem is-sentenza fuq ċitata, jista’ jissimpatizza mal-petizzjonant f’dan il-każ billi huwa fil-poter tiegħu li jekk jara jekk kienx hemm sproporzjon jew inġustizzja. Il-fatt li l-illegalita’ saret minn terz u ser iħallas għalih sid hija inġusta fil-parametri tal-liġi applikabbli.*
>
> *Magħdudin dawn il-fatti it-Tribunal huwa tal-fehma li hemm elementi li jimmiltaw favur 1-petizzjonant a tenur tal-artikolu 5b tal-LS 522.24. għandu jkun hemm għaldaqstant temperament fl-ammont tal-multa u dan għandu jkun ta’ 50%.*
>
> *F’dan ir-rigward it-Tribunal qed iħassar in-notifika tal-ħlas tal-multa skond invoices in mertu u għandha tinħareġ invoice ġdida biex tkopri l-perjodi relattivi fl-ammont ta’ € 25,000.*

31. Jirriżulta, għalhekk, illi riżultat tad-deċiżjoni tal-Tribunal ta’ Reviżjoni tal-Ambjenti u l-Ippjanar mogħtija fid-29 ta’ Marzu 2021, ġie deċiż illi l-multa pagabbli għall-perjodu stabbilit fl-erbgħa invoices fuq imsemmija, ossija 9278, 9466, 9789 u 10114 kellu jiġi ridott minn €50,000 għal €25,000.

32. Jirriżulta illi permezz ta' Ittra Uffiċċjali 1290/21 ippreżentata fit-30 ta' Marzu 2021, ir-rikorrenti ġew interpellati kif ġej:

> *Bil-preżenti l-Awtorita' tal-Ippjanar tinterpellak sabiex immedjatament tħallasha s-somma ta' tnejn u għoxrin elf, mija u għaxar Ewro (€22,110.00) bilanċ minn somma akbar rappreżentanti ħlas dovut lill-istess Awtorita' dovuta bħala multa għal kull ġurnata skond ir-regolament 3 tar-Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata (Avviż Legali 276 tal-2012) rigwardanti żvilupp mingħajr permess ta' żvilupp kif speċifikat fl-avviż ta' twettiq numru ECF407/12 matul il-perjodi mit-22 ta' Novembru 2014, liema perjodu ġie rikomputat mill-ġdid mill-1 ta' Marzu 2016 sat-30 ta' Settembru 2016, mit-2 ta' Marzu 2017 sad-9 ta' Novembru 2017 kif ukoll mill-10 ta' Novembru 2017 sat-2 t'April 2018, liema ħlas hu dovut skond Invoices numri 9287, 9466 u 10114 rispettivament, kopja ta' liema Invoices jinsabu hawn annessa markati bħala Dokument A, Dokument B u Dokument C rispettivament.*

33. Jirriżulta illi r-rikorrenti, permezz tal-azzjoni odjerna intavolata fit-28 ta' April 2021, talbu lil dina l-Qorti sabiex tiddikjara l-att ġudizzjarju bħala wieħed infondat peress illi l-bini llegali kien sar qabel id-dħul tal-Avviż Legali 276 tal-2012, ossija qabel l-24 ta' Novembru 2012, u għalhekk multi ma setgħux jiġu imposti.

**Ikkunsidrat**

34. Jirriżulta mhux ikkontestat, kemm mill-provi prodotti kif ukoll mill-fatti mressqa mir-rikorrenti, illi l-istess rikorrenti kienu għamlu żviluppi illegali fl-għalqa proprjeta' ta' Marco Gaffarena, fejn l-istess Marco Gaffarena jgħid illi, Antoine Azzopardi kien bena kmamar, għamel pool, ippavimenta l-għalqa u fetaħ restaurant bl-isem ta' "Ċavett Restaurant'.

35. Jirriżulta illi r-rikorrenti ġew mgħarrfa bl-illegalitajiet kollha permezz ta' Avviż biex Tieqaf u ta' Twettieq datat 23 ta' Ottubru 2012, madanakollu għażlu illi jinjoraw tali ordni u baqgħu joperaw regolarment.

36. Jirriżulta, iżda, li fil-21 ta' Ġunju 2017, wara li kienu ġew mgħarrfa li, mill-21 ta' Novembru 2014 'il quddiem kellhom multa komplessiva ta' €33,590, huma talbu lill-Bord jirrikonsidra tali multa, liema talba ġiet miċħuda.

37. Jirriżulta li, permezz ta' deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjenti u l-Ippjanar datata 29 ta' Marzu 2021, il-multa li, sa dak iż-żmien kienet ta' €50,000 ġiet ridimensjonata għal €25,000.

38. Jirriżulta illi issa, permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrenti qed jgħidu li tali multa ma setgħetx tiġi imposta peress illi l-illegalita' seħħet qabel id-dħul tal-Avviż Legali 276 tal-2012, li abbażi tagħha inħargu l-multi.

**Ikkunsidrat**

39. Il-Qorti tibda billi tosserva illi r-rikorrent Marco Gaffarena ma huwiex qed jikkontesta illi saru binjiet u strutturi illegali fuq il-proprjeta' tiegħu – li qiegħed jikkontesta huwa, l-ewwel u qabel kollox, li ma għamilhomx hu imma għamilhom Antoine Azzopardi, u t-tieni nett illi, ladarba tali illegalitajiet seħħew qabel id-dħul tal-Avviż Legali 276 tal-

2012, ossija 24 ta' Novembru 2012, allura l-multi kontemplati f'tali Avviż Legali ma kinux applikabbli għall-illegalitajiet illi tiegħu huwa kien responsabbli.

40. Hawnhekk, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi l-illegalitajiet li, skond ir-rikorrenti, huwa għamel qabel l-24 ta' Novembru 2012, baqgħu għaddejjin b'impunita' għal snin sħaħ, minkejja diversi twissijiet, fejn saħansitra, sa' April 2019, kien għad hemm pool u materjal depositat fuq il-ħamrija. (vide fol 96)

41. Jirriżulta, għalhekk, illi a differenza ta' dak allegat mir-rikorrenti, l-illegalita ma kienetx waħda illi sehhet qabel fl-24 ta' Novembru 2012 u spiccat hemm, izda kienet illegalita illi baqghet tippersisti u tizviluppa aktar tul is-snin, b'impunita' totali tar-rikorrent, li qiegħed issa jittenta jikkonvinci lill dina l-Qorti illi l-multi ma humiex appikabbli ghalih.

42. Il-Qorti tosserva wkoll illi, ghalkemm r-rikorrenti jammettu illi l-illegalita sehhet qabel l-24 ta' Novembru 2012 u jirriżulta li sa mit-23 ta' Ottubru 2012, kienet inharget Enforcement Notice 407/12 kontra r-rikorrenti, jirriżulta li kien biss wara li saret site inspection ohra fil-21 ta' Lulju 2014, ftit anqas minn sentejn wara li ġie avzat bl-illegalita, illi inharget kontra tiegħu l-Avviz tal-Multa b'itra datata 5 ta' Awissu 2014.

43. Jirriżulta wkoll illi kwalsiasi multa illi kienet u qiegħda tintalab li titħallas hija dovuta mit-22 ta' Novembru 2014 'il quddiem – jiġifieri ċertament ir-rikorrent ma qiegħed jiġi mmultat għal ebda illegalita' illi huwa kkommetta xjentement u li qiegħed jammetti li għamel qabel it-22 ta' Novembru 2014.

44. Għalhekk, l-argument tar-rikorrent ma għandu assolutament ebda bażi, peress illi l-illegalita' ma seħħitx f'istanza waħda qabel l-24 ta' Novembru 2012, iżda baqgħet isseħħ u tiġi żviluppata ulterjorment għal ħafna snin wara, ċertament sal-bidu tas-sena 2017 meta, ex admissis mir-rikorrent stess tramite il-Perit tiegħu, stqarr li l-attivita' kummerċjali llegali illi kienet qed isseħħ kienet twaqqfet ftit xhur qabel Lulju 2017.

**45. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-azzjoni tar-rikorrenti, kif mgħejuna bl-assistenza tal-konsulenti legali tiegħu, ma hija xejn aktar minn abbuż sfaċċat u ta' mistħija da' parte tar-rikorrenti mill-proċeduri legali quddiem il-Qrati biex jipprova jaħrab minn responsabbilta' legali tiegħu li jonora l-liġijiet u jħallas il-penalitajiet fuq inflitti riżultat ta' aġir illegali tiegħu li, mhux talli ma jikkontestax, iżda talli jammetti illi huwa għamel!**

**46. Tali azzjonijiet huwa tassew ta' min jikkundannahom w il-Qorti tixtieq illi infliġġi penalitajiet fuq ir-rikorrenti tal-abbuż minnhom perpetwat permezz ta' tali azzjoni, iżda hija prekluża milli tagħmel dan bil-Liġi.**

47. Madanakollu, li huwa ċert huwa li l-azzjoni tar-rikorrenti hija totalment bl-abbażi, kemm fattwali kif ukoll legali, u timmerita illi tiġi miċħuda bl-ispejjeż.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-Awtorita' intimata, u għalhekk:

**Tiċħad** it-talba rikorrenti kif dedotta.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**